L-Aħbar
mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta
Diċembru 2015
Nru. 202

HANINA BHALL-MISSIER

# Seminar fuq l-animazzjoni għat-Talb Franġiskan



Ġie organizzat it-tieni Seminar fuq l-Animazzjoni għat-Talb Franġiskan, li fih ħa sehem P. Walter Vassallo. Is-seminar sar fil-Kunvent ta' Frascati bejn l-20 u t-22 ta' Novembru. Ħadu sehem ukoll 19-il student li bħalissa qed jagħmlu Masters fil-Formazzjoni.

Diversi kienu l-mistoqsijiet li saru biex iqanqlu diskussjoni: fejn bħala persuni qegħdin fil-mument partikulari tal-ħajja reliġjuża tagħhom, x'inhu ċ-ċentru tal-ħajja tagħhom, ix-xewqat tal-persuna huma marbuta ħaga waħda ma' Alla? Jikkontemplaw l-imħabba ta' Alla li dejjem iħenn għalihom fil-ħajja tagħhom? Qed iroddu lil ħuthom dak moghti lilhom minn Alla!

## It-12-il Assembleja Ġenerali tal-UFME

"Fit-toroq tal-Ewropa ma ' Maria Regina Pacis" kienet it-tema tat-XII-il Assemblea Ġenerali tal-UFME f'Dubrovnik - Croazia, li ltaqgħet bejn it-18 u l-24 ta' Ottubru. Għaliha attenda P. Marcellino Micallef, Vigarju Provinċjali.



Kienu jiem ta' fraternità u grazzja, li fihom il-Mulej kien qed idawwal u jgħin lil dawk preżenti biex isiru aktar konxji tal-missjoni evanġelika tal-patrijiet minuri fil-kontinent Ewropew, fid-diversità u l-komplementarjetà tad-doni ta' kull wieħed. Diversi kienu l-inizjattivi li ħarġu minn din il-laqgħa:
- Issir elaborazzjoni fuq il-vokazzjoni komuni tagħna.
- Qsim ta' esperjenzi bjn l-Entitajiet.
- Tfittxija għal mudelli u strateġiji ġodda sabiex jinkisbu proġetti ta' kollaborazzjoni.
- Il-kontribut tal-ispiritwalità tagħna fil-bini tad-dar komuni Ewropea.

## *Paċi fl-art lil bnedmin ta' rieda tajba*

Għadhom jidwu f'widnejja l-ħsejjes ta' sparar, splużjonijiet, twerżieq u biki ta' tant u tant nies innoċenti li f'dawn il-jiem, waqt li qiegħed nikteb dan l-artiklu, tilfu lil xi ħadd mill-għeżiez tagħhom, jew ukoll kienu preżenti u nqabbdu bla ħsieb ta' xejn fil-massakru li kellna f'Pariġi. Għadhom friski quddiem għajnejja x-xeni tal-waħx ta' iġsma mtertqin ta' persuni li ma għamlu xejn ħażin ħlief li kienu fil-post il-ħażin, fil-ħin il-ħażin u sfaw mira tal-mibgħeda qattiela ta' bnedmin oħra, jekk wieħed jista' jsejħilhom hekk. Rajna ritratti ta' dawk li sfaw ħesrem vittmi tal-mibgħeda, ħafna minnhom żgħażagħ li wara ġimgħa xogħol, ħarġu biex jiddevertu ftit fi tmiem il-ġimgħa, min biex jara logħba futbol, min biex jiekol mal-ħbieb, min biex jisma' naqra mużika għal gosti tiegħu!

Quddiem dan kollu nixtieq naqsam magħkom xi ftit mil-ħsibijiet li għaddejjin minn moħħi bħalissa, u dak li qiegħed inħoss f'qalbi wkoll. U l-ewwel ħaġa li tiġini f'rasi hija, x'konna qegħdin nagħmlu aħna, x'għamilna aħna, waqt li bnedmin oħra bħalna kienu għaddejjin min dan kollu? Ħafna drabi wisq nibża' li konna u bqajna mitlufin, magħluqin u aljenati fid-dinja ċkejkna,

*ikompli f'paġna 2*

*minn paġna 1*

personali u egoista tagħna. Bqajna kważi indifferenti għal kollox, mhedijin biss f'dak li jolqotna jew li jinteressana. Forsi għall-kurżità segwejna xi ftit l-aħbarijiet tal-mument, imma imbagħad t-television qlibnilu, jew għax ma flaħniex naraw aktar, jew għax kien hemm xi program, divertiment, film jew sensiela li ma xtaqniex nitilfu u ridna nsegwu. Qisna bħal dawk il-levita u l-qassis tal-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb, li baqgħu għaddejjin mingħajr ma waqfu. Ninsew li xi darba wkoll Alla għad jistaqsi lil kull wieħed minna, "Fejn hu ħuk? Id-demm tiegħu qiegħed igħajjatli mill-art li xorbitu!" U mhux biss għal dak li ġara fi Franza, imma għad-demm ta' dawk kollha, mad-dinja kollha, inkluż f'pajjiżna, li qegħdin isofru innoċentement il-konsegwenzi tal-mibgħeda u tal-inġustizzja. U aħna bħala Franġiskani x'qegħdin nagħmlu quddiem dan kollu?

Ħsieb ieħor li jiġini f'rasi f'mumenti bħal dawn huwa kemm għandna nħossuna sa ċertu punt responsabbli minn dan kollu? Id-dnub personali tagħna, anke l-aktar wieħed mistur u moħbi, imma ċertament mhux moħbi minn għajnejn Alla, qiegħed ikompli jikkontribwixxi għall-ħażen kollu li hawn fid-dinja. Il-firdiet ta' bejnietna, n-nuqqas ta' ħajja reliġjuża awtentika, l-egoiżmu u l-egoċentriżmu tagħna, dan kollu u aktar ikompli jiżra' ż-żerriegħa tal-mibgħeda u tal-ħażen, li jkun kemm ikun il-bogħod, bħal mewġa tsunami, xi darba b'xi mod jew ieħor ser jolqotna.

Kemm huwa għalhekk importanti li nkunu "bnedmin ta' rieda tajba", inkunu "dawk li jġibu l-Paċi". Kemm huwa għalhekk importanti li l-awguri tagħna għall-Milied u s-Sena l-Ġdida ma jkunx kliem vojt u fieragħ imma stqarrija qawwija u sinċiera ta' impenn sħiħ u dejjiemi, personali u kollettiv. Nagħmlu tagħna dak li darba qalilna l-Qaddis Papa San Ġwanni Pawlu II, "Ma jistax ikun hemm Paċi fejn ma hemmx Ġustizzja. Ma jistax ikun hemm Ġustizzja fejn ma hemmx Imħabba. Ma jistax ikun hemm Imħabba fejn ma hemmx Verità!" Mhux ta' b'xejn din it-Tarbija li tagħha sejrin niċċelebraw darba qaltilna, "Il-Verità teħliskom". Min iħobb il-Verità jisma' l-leħen ta' din it-Tarbija. Minn qalbi nawgura lil kull wieħed u lil kulħadd il-Milied it-Tajjeb u Qaddis u Sena Ġdida mimlija riżq u barka smewwija. Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Laqgħat tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża tal-Ordni

Mit-12 sas-16 ta' Ottubru, 2015, il-Ministru Provinċjali, P. Richard S. Grech OFM, attenda għal-Laqgħa tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża f'New York.



Matul is-sessjonijiet tal-Konferenza, il-membri kellhom l-opportunità li:

- Jiddiskutu u jevalwaw l-Kapitlu Ġenerali ta' Mejju.
- Jiddiskutu r-rapporti annwali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-segretarjati, kummissjonijiet u kumitati tal-Konferenza.

### Laqgħa tas-Segretarjat tal-M&E

Mid-19 sat-23 Ottubru, il-Ministru Provinċjal ħa sehem



fil-laqgħa tas-Segretarjat għall-Missjonijiet u Evanġelizzazzjoni (ME) tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża (ESC), li saret f'"Serra Retreat Centre", Malibu, California.

Għall-laqgħa attendiet ukoll Kim Smolik, Direttur Eżekuttiv tal-'Franciscan Mission Service', li aġġornat il-grupp dwar il-ħidma ta' FMS.

Matul il-laqgħat li saru ġew diskussi diversi temi li jmissu l-missjonijiet u l-ħidma tal-evanġelizzazzjoni.

Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss tas-Segretarjat se ssir f'Settembru 2016, f'Porziuncola Retreat House, f'Baħar iċ-Ċagħaq, Malta.

## Diċembru
## Appuntamenti

**9** ta' Diċembru, Laqgħa Kunsill tal-Formazzjoni: 9.30am, Rabat

**16** ta' Diċembru, Definitorju Provinċjali: Rabat

**28** ta' Diċembru, Milied – Festa Familja għall-ġenituri tal-Patrijiet: 6.00pm, Dar tal-Irtiri Porziuncola - Baħar iċ-Ċagħaq.

### Birthdays - Diċembru

01. P. Alfred Sciberras
03. P. Noel Muscat
04. P. Marcellino Micallef
11. P. Gwann Micallef
17. P. Ray Scicluna
19. P. Godfrey Micallef
31. P. Sebastian Camilleri

### Festi - Diċembru

10. Fr. Lorrie Zerafa
25. P. Noel Muscat
26. P. Stephen Magro
26. P. Stephen Sciberras

# Kull Avvent huwa uniku

L-Avvent huwa żmien ta' stennija bil-ferħ għall-miġja tal-Mulej Ġesù, f'ħajjitna. Kull avvent huwa uniku, speċjali u different f'ħajti, f'dan iż-żmien tas-sena nista nħares lura u nara jekk kbirtx fir-relazjoni personali tiegħi ma Alla u mal-proxxmu, huwa żmien ta' grazzja partikolari. Jien ma nafx jekk nerġax ngħix avvent ieħor, jista jkun l-aħħar wieħed għalija, kif ngħix l-avvent ser nidħol għall-ferħ tal-Milied, għax dan iż-żmien qaddis idaħħalna f'dan il-misteru. Jien, ħa nitlobulu bħala rigal, biex ngħixu iva bil-fidi u fi spirtu ta' talb, kif għexitu l-Verġni Marija fl-istennija tagħha, hu int?



Il-Papa Franġisku, jagħlaq il-messaġġ tiegħu għal Jum il-Vokazzjonijiet 2015, b'din it-talba:

'Marija, mudell ta' kull vokazzjoni, ma beżgħetx tlissen il-*"fiat"* tagħha għas-sejħa tal-Mulej. Ħa tkun hi li sseħibna u tmexxina. Bil-kuraġġ ġeneruż tal-fidi, Marija għanniet bil-ferħ għax setgħet toħroġ minnha nfisha u tafda f'idejn Alla l-pjanijiet ta' ħajjitha. Lejha nduru biex nistgħu nkunu għal kollox disponibbli għall-pjan li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna; biex tikber fina x-xewqa li noħorġu u nimxu, bla tnikkir u b'qalb ġeneruża, lejn l-oħrajn (ara Lq 1:39).'

Int lest tgħid Iva dejjiema bħal Marija? Nixtieqlek Avvent u Milied qaddis.

*P. Stephen Magro, OFM*
*Animatur Vokazzjonali*

## Seminar dwar il-futur tal-Ħajja kkonsagrata



Bejn is-6 u t-8 ta' Novembru sar seminar dwar il-futur tal-ħajja kkonsagrata, bit-tema: 'l-aħħar wieħed jitfi u jagħlaq il-bieb… il-futur tal-ħajja kkonsagrata'.

Għal dan is-seminar attenda Antoine Galdes, il-postulant tagħna, u ħalla dawn il-kummenti: "Għalija kienet esperjenza li fija ħalliet il-frott: skoprejt li ma ninsabx waħdi f'din il-mixja u huwa dan li, din il-mixja jagħmilha sabiħa. Aħna persuni msejħa sabiex inżommu mixgħula l-fjamma li bil-għajnuna t'Alla u d-dawl tal-Ispirtu s-Santu xegħlu l-fundaturi tagħna. Imsejħin sabiex inżommu ħajja fil-komunitajiet tagħna l-kariżma ta' San Franġisk.

Qsamna flimkien kif nixtiequ naraw l-fraternitajiet tagħna fil-futur u mhux biss, rajna ukoll x'nistgħu nagħmlu sabiex il-fjamma taqbad tal-ħajja kkonsagrata tibqa' taqbad u tkun dawl għall-Knisja kollha. Inkunu aħna li 'nqajmu d-dinja'.

Dan s-seminar ġagħalni nirrifletti li l-ħajja vokazzjonali tiegħi għandha tibda' minn quddiem t-tabernaklu, tkompli fil-fraternita' u toħroġ fl-appostolat. B'hekk nkun nista bil-għajnuna t'Alla nkun dawl għad-dinja."

## Jiġu fi tmiemhom il-jiem vokazzjonali fil-Knejjes tagħna

Matul din is-Sena li waslet biex tintemm ġew fi tmiemhom il-jiem iddedikati għall-promozzjoni vokazzjonali fil-Knejjes tagħna Franġiskani.

Kienu jiem fejn sar talb u attivitajiet biex jinħoloq għarfien fuq l-importanza li naħdmu llkol flimkien biex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar żgħażagħ fil-provinċja tagħna.

Għall-ewwel sena fil-Parroċċa saret ġimgħa ta' attivitajiet u laqgħat mal-għaqdiet kollha li janimaw il-Parroċċa. Kienet esperjenza ġdida u nittamaw li tħalli l-ġid mixtieq.

L-Għaqda Vokazzjonijiet tixtieq tirringrazzja lil kull min ta sehemu biex ikunu suċċess.



### Quddiesa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata



Nhar is-Sibt 14 ta' Novembru fl-10.30 ta' filgħodu, il-Provinċja Franġiskana ċċelebrat Quddiesa konċelebrata ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Din il-quddiesa tiġi ċċelebrata kull sena fil-kappella taċ-ċimiterju, matul ix-xahar ta' Novembru, biex nitolbu għal dawk il-patrijiet li ħallewna.

Il-Quddiesa kienet ċċelebrata minn P. Marcellino Micallef, OFM Vigarju Provinċjali u li għaliha attendew numru sabiħ ta' patrijiet. Wara l-quddiesa sar t-tberik tal-oqbra.

### Delegat tal-Isqof

L-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, ħatar lil P. Marcello Ghirlando, OFM bħala Delegat tiegħu għar-Reliġjuzi tad-djoċesi.

### Premjat l-aħjar student fil-Liċenżjat fil-Liġi Kanonika



Il-Ħamis 22 ta' Ottubru fl-Università Pontificja Antonianum ingħata bidu għal Sena Akkademika Ġdida. F'din l-okkażjoni saret il-premjazzjoni tal-aħjar studenti għas-sena 2014-2015. Din il-premjazzjoni fid-diversi fakultajiet hija inizjattiva ġdida li ħadet l-istess Università biex tħajjar lill-istudenti jkomplu jistudjaw. P. Walter Vassallo, OFM, li bħalissa qiegħed jagħmel Masters fil-Formazzjoni, ħa l-premju għall-aħjar student fil-Liċenżjat fil-Liġi Kanonika għas-sena 2014-2015. Għal dan l-avveniment kien hemm r-Rettur Sr. Mary Melone, il-Gran Kanċillier, il-Ministru General P. Michael A. Perry kif ukoll P. Cesare Vaiani, is-Segretarju tal-Formazzjoni u Studji l-ġdid u P. Sinisa Balacic il-Vici-Segretarju.

### Il-Franġiskani jsejħu għall-Paċi wara t-traġedja ta' Pariġi

Il-Ministri Provinċjali tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża ingħaqdu biex jesprimu l-kondoljanzi tagħhom wara atti ta' terrur li saru f'Pariġi. Huma qalu li se jkomplu jaħdmu biex id-dinja tkun ħielsa minn kull vjolenza u terrur.

Huma talbu għal dawk kollha li tilfu ħajjithom, għal dawk li kienu jinsabu midruba gravi, u għal dawk li qed iġorru n-niket tat-telf ta' xi ħadd għażiż. Huma jitolbu għal dawk kollha li ġrew biex joffru l-għajnuna u sigurtà; u li jsibu modi ġodda biex iwelldu l-paċi mill-irmied tat-terrur.

Appellaw lill-ispirtu u l-interċessjoni tal-fundatur, San Franġisk t'Assisi, biex aħna kollha inkunu "Strumenti ta' paċi" u li n-nies kollha ta' rieda tajba jistgħu jaslu biex jaraw li bit-terrur u l-vjolenza qatt mhu ser isibu s-soluzzjonijiet għall-problemi li qed niffaċċjaw .

J'Alla dawk li tilfu ħajjithom f'din traġedja, jistrieħu fil-paċi, u j'Alla kulħadd - speċjalment il-poplu ta' Pariġi - jħoss lil Alla l-ħanin qrib tagħhom matul dawn il-ġranet ta' prova.




*It-Tnejn 28 ta' Diċembru,*
*f' Porziuncola Retreat House*

**Milied Festa Familja**

*Quddiesa fis-6.00pm*
*u wara nieklu*
*u niddevertu flimkien.*

*Jingħaqdu magħna għal żmien il-Milied:*

P. Walter Vassallo, OFM
se jkun Malta bejn mit-20 ta' Diċ. sal-4 ta' Jan. 2016

Fr. Ramon Farrugia, OFM u
Fr. Clive Camilleri, OFM
se jkun Malta bejn mid-19 ta' Diċ. sal-5 ta' Jan. 2016

**L-AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*